**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Marzu 2023**

Rikors Numru: 607/22 AL

A B C

vs

D E F

(M.R. Numru 32/2008)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Il-kontendenti kienu zzewgu fis-27 ta' Dicembru, 2007 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

2. Illi l-partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Robert Micallef datat 14

t'Ottubru, 2014 (Dok. 'B') u ilhom mifrudin minn dak iz-zmien jgħixu hajja kompletament separata minn xulxin.

3. Illi m'hemm ebda pendenzi dwar hlas ta' manteniment jew kwistjonijiet oħra bejn il- partijiet ta' kwalsijasi natura.

4. Illi l-esponenti iddiskutiet mal-avukat taghha Dr. Chris Cilia LL.D. il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u ingħatat mingħand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin izda huwa bil-wisq ovvju li m'hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni iktar u iktar wara dawn is-snin kollha mifrudin.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

6. Illi peress li r-rikorrenti ma tifhimx bil-lingwa Maltija dar-rikors qed jigi prezentat ukoll bil-lingwa Ingliza.

Talbet lill-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg tagħha mal-intimat Allan Walter Robinson hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz- zmien imħolli għal daqshekk minn din l-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi annotat u reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta’ Dicembru 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Ottubru 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.